HAL BALZAN

L-EWWEL SENA Nru. 2 — LEHEN IL-KUMITAT ĊIVIKU — NOVEMBRU/DIĊEMBRU, 1971

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(2) L-IRZIEZET U L-EWWEL DJAR TA' HAL BALZAN

Minn Ġi Di

HAL BALZAN ISSAWWAR BHAL MA SSAWWAR KWAŻI KULL RAHAL IEHOR TA' MALTA U GHAWDEX. L-IRZIEZET, ID-DJAR, U T-TOROQ INBNEW U FFURMAW RUHHOM SKOND L-ESIĠENZI U L-FAĊILITAJIET TAN-NIES TAL-POST. BIEX NIFHMU DAN IRRIDU NIFTAKRU LI DARI LA KIENU JEŻISTU 'TOWN PLANNING' U LANQAS 'BOARDS' TA' L-ESTETIKA. IS-SEMPLIĊITA' FIL-BINI, SIJA TA' L-IRZIEZET KIF UKOLL TAD-DJAR ŻGHAR, U WKOLL L-ISTIL ARITETTONIKU TAD-DJAR U L-IRZIEZET LI SEJRIN NITKELLMU MINNHOM, HUMA ĠEJJIN MILL-JIEM TAL-HAKMA GHARBIJA TA' PAJJIŻNA — I.E. 870 — 1090 A.D. DAN JIXHDU X-XEBH LI NSIBU BEJN L-IRZIEZET U D-DJAR TAGHNA MA' DAWK TA' PAJJIŻI FEJN L-INFLUWENZA GHARBIJA KIENET DOMINANTI, BHAT-TUNEŻIJA, L-PALESTINA, U SQALLIJA. (1).

Il-bini ta' l-irziezet u tad-djar kif ukoll l-estensjoni tat-toroq saru u żdiedu qajla qajla matul iż-żminijiet. Illum mhux faċli, mingħajr attenzjoni speċjali, tagħżel il-bini li kien fil-bidu, peress li l-bini tal-lum, bl-istil arkitettoniku tiegħu, jiddomina u jaħbi lil dak l-istil sempliċi rettangolari u kwadru ta' l-ewwel bini. Raġuni oħra hija li wħud mill-bini li kien jeżisti fil-bidu ġgarraf jew sarulu xi tibdiliet.

L-EWWEL STATISTIKA

L-ewwel statistika ta' l-irziezet, tad-djar, u tan-nies li kien hawn f'Hal Balzan ħallihielna bil-miktub il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Duzina meta għamel il-Viżta Pastorali tiegħu lil dan ir-raħal nhar l-ewwel ta' Frar 1575, għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir. Mons. Duzina jgħidilna li dak in-nhar f'Hal Balzan kien hawn 60 lok li fihom kienu joqogħdu mat-300 ruħ.

Liema kienu dawn is-60 lok li fihom kienu joqogħdu dawn it-300 ruħ? Mhux faċli li wieħed isibhom malajr għaliex, kif ġa għedna, x'uħud minn dan il-bini ġgarraf jew floku tela' bini ieħor. Iżda jekk nagħmlu dawra ma' Hal Balzan illum għandna nosservaw uħud mid-djar u rziezet antiki ħafna.

TOROQ U BINI

Fl-irħula qodma tagħna, bħalma hu Hal Balzan, it-toroq u l-bini ssawru flimkien. Għalhekk insibu li xi drabi saret triq għaliex kien hemm xi mogħdija għal għadd żgħir ta' bini, u drabi oħra nsibu l-bini għaliex kien hemm triq. Ċerti toroq bdew b'mogħdija f'nofs ta' għalqa, jew b'passaġġ jew trejqa bejn żewġ ħitan tas-sejjieħ. Dawn it-trejqat kienu jkunu dojoq hemm tgħaddi bħima b'karettun, u kull tant bogħod kienu jħallu wisgħa fejn jistgħu jiltaqgħu żewġ karettuni meta dawn ikunu għaddejjin kontra xulxin.

IT-TRIQ ID-DRITTA

Meta f'Hal Balzan bdew jiffurmaw ruħhom it-toroq, żgur li tnejn kienu minn ta'- l-ewwel u l-aktar użati. Dawn huma dik magħrufa bit-Triq it-Dritta u dik tat-Tliet Knejjes.

It-Triq id-Dritta, allovalja sserrep daqs serp — u dan igħodd għal kull raħal ieħor qadim f'Malta — u li aktar tard ħadet l-isem ta' Triq Irjali, kienet fil-bidu milqugħa minn żewġ ħitan tas-sejjieħ u l-wisgħa tagħha kien hekk li bilkemm kienu jgħaddu żewġ karrettuni ħdejn xulxin. Illum, f'xi partijiet ta' din it-triq għadna nsibuh dejjaq daqs kemm kien fil-bidu. Din it-triq taqsam ir-raħal minnofs u għalhekk hija l-arterja prinċipali li tgħaqqad it-tarf ta' fuq mat-tarf t'isfel tar-raħal.

TRIQ IT-TLIET KNEJJES

Triq it-Tliet Knejjes dejjem kellha l-importanza tagħha. Anzi fil-bidu din it-triq kienet l-aktar waħda wżata min-nies bejn Hal-Balzan u Birkirkara. Meta Hal Balzan sar parroċċa għalih fl-1655, din it-triq kienet magħrufa bħala t-Triq tal-Parroċċa, iżda meta l-Knisja Parrokkjali preżenti bdiet isservi ta' knisja parrokkjali, fl-1673 (2), din it-triq bdiet għall-ewwel tissejjaħ bit-Triq tal-Parroċċa l-Antika u wara ħadet l-isem ta' "Triq it-Tliet Knejjes", għat-tliet knejjes li jinsabu mibnijin ħdejn xulxin fiha: il-knejjes ta' l-Annunzjata, ta' Santu Rokku u ta' San Anard. Għedt li din it-triq kienet l-aktar użata, speċjalment min-nies ta' Hal Balzan, għaliex kienet hi li titfgħek fil-qalba ta' Birkirkara. Barra minn hekk, peress li Hal Balzan kien jiddependi mill-parroċċa ta' Birkirkara sa mis-sena 1436, dawk kollha li riedu jiffrekwentaw il-knisja parrokkjali kellhom igħaddu minn din it-triq peres li l-knisja ta' Sant' Elena, li kienet il-Parroċċa ta' Birkirkara, kienet tinsab f'Ta' l-Għargħar. Dan baqa' jseħħ sas-sena 1575 meta ġie maħsub li l-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara tiġi trasferita għan-naħa ta' nofs in-nhar tal-wied ta' Birkirkara, fejn illum insibu l-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara. (3) Meta seħħ dan, in-nies ta' Hal Balzan bdew jużaw it-Triq id-Dritta, u baqgħu jagħmlu dan sa ma Hal Balzan inqata' Parroċċa għalih fis-sena 1655.

BINI, TREJQAT, U SQAQIJIET FI TRIQ ID-DRITTA

It-Triq id-Dritta tibda mit-tarf tal-wied ta' Birkirkara, fuq l-art magħrufa "Tar-Ras" li kienet ta' Dun Pawl Zimech u li ħalliha lill-Knisja fl-1 t'April 1815. (4) Meta tasal fejn illum hu magħruf bl-isem ta' "Bir-Bal" (Birkirkara-Balzan), ma' din it-triq taqbad triq oħra, li llum hi magħrufa bi Triq il-Wied jew taċ-Ċimiterju. Hawn kien wied wiesa' li, kif semmejna fil-ħarġa l-oħra, fih kien jingabar kwantita' kbira ta' ilma li kien jibqa' sejjer u jiltaqa' ma' dak li jkun ġej minn Triq San Anton u jintefa' fil-Wied ta' Birkirkara. Fuq ix-xellug, dan il-wied kellu trejqa dejqa li tibqa' għaddejja mal-wied kollu b'ħajt tas-sejjieħ fuq ix-xellug u l-ilma fuq il-lemin. Matul din it-trejqa ssib għorfa, żewġ postijiet żgħar, u kważi fit-tarf hemm żewġ postijiet li llum iġibu n-numri 63 u 65 li huma antiki ħafna, kif ukoll ir-razzett magħruf b'Ta' Sajrunies. F'din in-naħa kien hawn knisja żgħira dedikata lill-Arkanġlu San Mikiel li, kif jgħidilna l-Isqof il-Viżitatur Appostoliku Mons. P. Duzina, kellha l-kwadru tagħha mpitter fuq l-injam. (5).

Inkomplu teigħin mit-Triq id-Dritta u nsibu Triq San Franġisk, jew kif nafuha t-triq tas-sorijiet. Din it-triq kienet tibda minn fuq ix-xellug tat-Triq id-Dritta, u tibqa' tielgħa 'l fuq sa ma tasal l-Imrieħel u hemm taqbad mat-Triq tar-Rabat. Sa ftit tas-snin ilu din it-triq kienet għadha tidher fl-oriġinalita' tagħha — triq dejqa b'ħajt tas-sejjieħ fuq kull naħa, b'xi tliet għorfiet. Fil-kantuniera ta' bejn it-Triq id-Dritta u Triq San Franġisk jidher bini antik. Ftit aktar 'il fuq fit-Triq id-Dritta, mal-lemin, sa sena ilu kien jidher bini antik ieħor; llum floku qed isir bini ġdid. Issa niltaqgħu ma' l-ewwel sqaq. Hawn insibu li fil-kantuniera kien hawn razzett; illum hawn bini ieħor. Fl-isqaq għadhom jidhru xi fdalijiet ta' xi żewġ postijiet żgħar, għaliex xi bini antik ġie rranġat. Xi erba' passi 'l fuq mal-lemin kien hemm sqaq magħruf bl-isqaq tar-Rummiena. Dan kien jibqa' jdur sad-dar magħrufa b'tas-sinjura Karla. Illum tibda Triq il-Providenza.

Ftit aktar 'il fuq mal-lemin, ukoll, insibu trejqa dejqa li tagħti għal Triq Santu Rokku. Din sa ftit ilu kienet magħrufa bl-Isqaq taż-Żebbuġa.

Naslu fil-pjazza. Din tkabbret għoxrin sena ilu, meta tneħħa l-ġnien tad-dar li llum tissejjaħ 'Casa Pace'. Hawn kien salib it-toroq. Minn hawn taqbad Triq it-Tliet Knejjes fuq naħa, u fuq l-oħra kien jibda Sqaq Idmejda li llum infetaħ u sar Triq Idmejda. Qabel ma nduru biex nidħlu f'dan l-isqaq kien hemm żewġ postijiet b'mandra magħhom, imħollijin lill-Knisja minn Katerina armla Arena, u minn uliedha, Tereża u Marjanna. Din il-mandra fl-1909 nbniet f'żewġ mezzanini u ħanut. (6).

Sqaq Idmejda kien jibda bi tliet postijiet żgħar u kien jispiċċa b'razzett kbir tal-annimali li ġie mħolli lill-Fratellanza tar-Rużarju fis-sena 1797. (7) Minn dan ir-razzett għadha tidher l-arkata li kienet tagħlaq magħha x-xatba f'tarf it-Triq Papa Alessandru VII.

Inkomplu nimxu mat-Triq id-Dritta u niġu għal fejn illum għandna l-Knisja Parrokkjali. Mal-ħajt tax-xellug għadhom jidhru għadd ta' postijiet li għalkemm x'uħud minnhom sarulhom xi alterazzjonijiet, xorta waħda għadhom jixhdu l-qedem tagħhom. Mal-lemin, fejn illum hemm il-pjazza, sa tletin sena ilu, kien għad hemm numru kbir ta' bini antik li ġie mġarraf gradatament biex setgħet issir il-pjazza li għandna llum. Minħabba f'hekk l-arkitettura ta' barra tal-Knisja tista' titgawda aktar. Fuq in-naħa tal-lemin mal-ġenb tal-ġnien tal-Każin San Gabirjel (li kellu ġnien kbir u li tneħħa biex infetħet Triq Annunzjata) kien hemm daħla ta' Sqaq li mal-lemin tiegħu kien hemm u għad hemm, għadd żgħir ta' bini antik. In-naħa tat-tarf, faċċata, kien hemm post imdaqqas u antik li għadu hemm u hu wkoll jixhed iż-żmien tiegħu.

TRIQ SANTA MARIJA

Aktar 'il fuq, fi Triq id-Dritta, nsibu fuq il-lemin il-bidu ta' Triq Santa Marija. Din it-triq tista' tgħid li ma tilfet xejn mill-karatteristiċi antiki tagħha. Ftit huma d-djar li nbnew tard. Kull ma sar f'uħud mid-djar kien li sarulhom xi alterazzjonijiet żgħar, mingħajr ma tilfulhom il-karatteristika tad-djar ta' l-ewwel żminijiet. F'din il-parti tar-raħal ġara dak li dejjem jiġri: tinbena Knisja u magħha jinbnew id-djar. Il-Knisja ta' Santa Marija kienet lesta fis-sena 1575. (8) Nidħlu fi sqaq Nru. 2 u hawn insibu bini qadim. Minn hawn nistgħu nibqgħu niżlin minn Sqaq iz-Zekkuk bejn żewġ ħitan għoljin tas-sejjieħ fejn niltaqgħu ma' xi żewġ għorfiet.

Wara Sqaq Nru. 2 nimxu 'l fuq u nidħlu fi Triq il-Barriera jew kif inhu magħruf aktar bl-isqaq tad-Dingejru. Fuq ix-xellug insibu l-"Molin d'Or" li mhix għajr razzett irranġat.

IR-RAZZETT TAD-DINGEJRU

Aktar 'il ġewwa ta' l-Isqaq insibu r-razzett magħruf b'tad-Dingejru. Veru li dan minn ġewwa ġie rranġat daqs villa żgħira, iżda b'danakollu ma tilef xejn mill-karatteristiċi essenzjali ta' razzett tipiku.

Il-faċċata ta' barra hija sempliċi kemm jista' jkun. Twieqi kważi xejn. Hemm xi tnejn żgħar u xi żewġ rewwiħat li jagħtu għall-kmamar ta' isfel. Fil-faċċata tal-pjan ta' fuq, fejn sa mill-qedem kienu joqgħodu n-nies, hemm żewġ twieqi mdaqqsin. Meta tħares lejn il-faċċata tara li hemm kmamar fuq il-lemin u kmamar fuq ix-xellug, u finnofs arkata li llum hi magħluqa u mħolli fiha bieb ta' dar. Mill-arkata tidħol ġo bitħa kbira li mal-ħitan tagħha hemm imxatar mibnija fl-immammi tal-ħajt. Mix-xellug, tidħol ġo kamra rettangulari bi tlett imxatar ġol-ħajt. Minn din il-kamra tgħaddi minn imramma ta' xi tliet piedi u tidħol ġo kamra kwadra. L-istess hawn: tgħaddi minn imramma u tiġi ġo kamra rettangulari li taħbat faċċata

(ikompli f'paġna 4)

OFFERTA SPEĊJALI

SETTIJIET TAL-KĊINA TA' L-ALUMINIUM

54 BIĊĊA £24-17-6

BIL-GHOTJIEN KULURITI £27-17-6

Minghand:

"GALDIES"

38, OLD THEATRE STREET,
VALLETTA

Editorjal

WARA L-EWWEL ĦARĠA

L-ewwel ħarġa tal-gazzetta tagħna ġiet milqugħa tajjeb ferm mill-Balzanin. Infatti kellha suċċess ferm aktar mill-li ħsibna aħna stess. Qatt, per eżempju, m'għaddielna minn moħħna li xi wħud se jiġu jitolbuna gazzetta biex jibagħtuha lil ħuthom u qrabathom barra minn Malta. Hekk allura nistgħu b'ferħ kbir ngħidu li l-gazzetta ta' Ħal Balzan ħarġet ukoll 'il barra mix-xtut tal-gżira. Kemm tkun ħaġa sabiħa li kieku dawk li jirċevuha jiktbulna ħalli nkunu nafu x'dehrilhom minnha.

Kienu ħafna l-Balzanin li ferħulna u għamlulna l-kuraġġ għal quddiem. Qalulna li hija gazzetta istruttiva kif ukoll umoristika. Aħna hekk nieħdu pjaċir; li l-Balzanin ħutna jagħmlulna l-kuraġġ, u jgħinuna fix-xogħol tagħna — min b'ideja, min bi flus u min billi jiktbilna xi artikolu. Tafu li bl-għajnuna tagħkom biss nistgħu nimxu 'l quddiem.

Fost il-Balzanin ta' spiss tinstama' l-kelma li f'Ħal Balzan qatt ma jsir xejn. Għal ċerti nies, il-parroċċa tagħna hija waħda ta' apatija kbira. Imma dan mhux veru. Tant mhux li ta' kull sena ssir il-festa titulari u ta' kull sena n-nies inkarigati joqogħdu bil-paċenzja kollha jġorru l-armar tat-toroq sabiex jarmaw. Ta' kull sena tintrama' l-faċċata tal-Knisja kif ukoll isiru l-murtali. L-Għaqdiet l-oħra ta' Ħal Balzan nistgħu ngħidu li huma kollha attivi u jaħdmu matul is-sena kollha. Ħafna xogħol tagħhom ma jidhirx u wieħed irid ikun fihom biex ikun jaf sew x'inhu jsir. Għalhekk min jgħid li l-Balzanin ma jagħtu każ ta' xejn ma jkunx qed jgħid sewwa. Dawn it-talin x'aktarx li jkunu nies li jew jixtiequ jaħdmu ħafna u ma jkollhomx ċans jew inkella ma jkun jogħġobhom xejn. Tagħhom biss tajjeb anke jekk ikun ħażin! Aħjar wieħed, flok li joqgħod jikkritika, jaqbad jipprova jħeġġeġ lil sħabu sabiex tiġi organizzata xi attivita' ġdida.

Tkun ħaġa sabiħa li kieku kull għaqda li torganizza xi attivita' tistieden lill-membri ta' l-għaqdiet l-oħra sabiex ikunu preżenti; b'hekk kulħadd ikun jaf sewwa x'inhu jsir fil-parroċċa.

NIXTIEQU L-MILIED IT-TAJJEB LIL KULĦADD

HINIJIET TAL-QUDDIES FIL-PARROĊĊA TA' ĦAL BALZAN

Nhar ta' Ħadd: 6, 7.30, 8.30, 9.30, 11.30 a.m.; 5.30 p.m.

Nhar ta' xogħol; 6, 6.30, 7.15, 8.15 a.m.; 6.30 p.m.

IL-MILIED

(Ħarsa lejn xi drawwiet u tifkiriet)
— minn BALZANI —

IX-XAHAR TA' DIĊEMBRU JĠIB MIEGĦU L-AKBAR FESTA TAS-SENA — IL-MILIED. U TABILĦAQQ IL-MILIED HIJA L-AKBAR FESTA, GĦAX F'DAN IL-JUM INFAKKRU T-TWELID TA' KRISTU, U GĦALHEKK IL-BIDU TAL-FIDWA TAN-NISEL UMAN. GĦALKEMM ILLUM NIĊĊELEBRAW JUM IL-MILIED FIL-25 TA' DIĊEMBRU, M'AĦNIEX ŻGURI DWAR ID-DATA U X-XAHAR LI FIHOM TWIELED SIDNA ĠESU'.

L-istorja m'għandhiex provi biżżejjed biex taċċertana fuq dan il-punt. Biss sa mis-seklu tlieta kienu jżommu dan il-jum bħala dak li fih twieled Ġesu'. Il-pagani wkoll kienu jqisu l-25 ta' Diċembru bħala jum sagru — fih kienu jiċċelebraw il-festa tax-xemx qatt mirbuħa ('natalis solis invicti'). U għalhekk kien jixraq li l-Knisja tgħolli u tqaddes dan il-jum u minn festa pagana tikkonvertih għall-festa tat-twelid tax-Xemx tal-għerf u s-sliem.

ATTIVITAJIET TAL-"GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ BALZANIN"

Nhar it-28 t'Ottubru 1971, sar Programm Mużiko-Letterarju fis-Sala Aurora.

Novembru 1971 — Żjara f'Villa Mons. Gonzi. Żjajjar fi Sptarijiet.

Diċembru 1971 — Programm fid-dar tax-xjuħ ta' Fra Diegu.

Nixtieq ninforma illi fl-iskola tas-subien ta' Ħal Balzan tinsab Librerija fejn il-pubbliku jista' jissellef kotba bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż.

Din il-Librerija tkun miftuħa nhar t'Erbgħa mill-3.45 p.m. sal-5.15 p.m. u nhar ta' Sibt mit-3.30 p.m. sal-5.30 p.m.

V. Muscat

Il-Milied mhijiex festa ta' nazzjon wieħed jew ta' klassi waħda ta' nies. Il-Milied hija festa ta' kulħadd. Kbar u żgħar, għonja u foqra, morda w f'saħħithom — kulħadd iħoss fih il-hena u s-sliem li ġie jwassilna Kristu bil-miġja tiegħu fid-dinja. Hekk kif jispiċċa Novembru u jibda Diċembru — imsejjaħ 'ix-xahar tal-Milied' — kulħadd jibda jaħsiblek u jħejji mill-aħjar li jista' għal din il-festa kbira. U hawn jidħlu l-ħafna drawwiet u tifkiriet li nibtu madwar din il-festa u li llum saru biċċa waħda minnha. Uħud minn dawn id-drawwiet huma proprju tagħna l-Maltin, filwaqt li oħrajn huma barranin imma mal-mogħdija taż-żmien daħlu fostna u tħalltu ma' tagħna.

Fil-jiem sbieħ tal-Milied ma tismax ħlief xewqat tajba ta' hena, barka, u risq. Illum, hija drawwa li dawn ix-xewqat għeżież jintbagħtu bil-posta wkoll taħt forma ta' kartolini, li juru xi xena li għandha x'taqsam ma din il-festa flimkien ma' xi erba' kelmiet ta' l-okkażjoni. Malli joqrob il-Milied kulħadd jaħseb biex jixtri l-kartolini sabiex jibgħathom il qrabatu, sew dawk li jkunu f'Malta kif ukoll dawk imsefrin.

Din id-drawwa llum tant daħlet fostna li lanqas forsi qatt għaddielna minn rasna kif bdiet. L-ewwel kartolina dehret fl-Ingilterra fis-sena 1846; u minn dak iż-żmien 'l hawn din id-drawwa xterdet, tista' tgħid, mad-dinja kollha. Ma nafux sew meta daħlet f'Malta, biss uħud jaħsbu li kien għall-bidu ta' das-sekiu.

Drawwa oħra barranija u li llum qabdet sew fostna hija dik tas-siġra tal-Milied. Ma tgħaddix minn ġo triq fi żmien il-Milied u minn wara l-ħġieġ ta' xi tieqa ma tarax din is-siġra twila twila b'bosta dekorazzjonijiet imdendlin magħha u mdawla b'bozoz żgħar jixegħlu w jitfu. Il-'Christmas Tree' l-ewwel li bdiet kien fil-Ġermanja. Imbagħad fl-1847 il-Prinċep Albertu, żewġ ir-Reġina Vittorja, daħħal din id-drawwa fl-Ingilterra.

Drawwa bħal din ma tantx tirrifletti l-ispirtu veru tal-Milied, u tkun ħasra jekk aħna l-Maltin, poplu nisrani, nagħtuha iżjed importanza minn drawwiet oħrajn aktar insara, bħal, ngħidu aħna, d-drawwa tal-presepju.

Il-presepju jaf il-bidu tiegħu minn San Franġisk t'Assisi fis-sena 1223. Din id-drawwa tinsab ħafna fl-Italja u fi Sqallija. Hawn Malta wkoll, id-drawwa tal-presepju hija waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-Milied. Sa mill-bidu ta' Diċembru, jew aħjar qrib il-festa tal-Kunċizzjoni, t-tfal tarahom jiżirgħulek ii-qamħ, il-ġilbiena, ż-żożfa, u l-iskalora, jqegħduhom fi mkien mudlam u jsaqquhom ta' kuljum sabiex għall-festa tal-Milied ikunu kibru bojod u sbieħ għal quddiem il-Bambin. Aktar tard imbagħad jibdew jaħsbu għall-presepju, li x'aktarx ikun jew tal-gagazza jew tal-karti li, mogħtijin il-kolla u daqsxejn kulur iewn il-blat, malajr joħolqu d-dehra ta' Betlem fiċ-ċokon.

Imbagħad jiġu għal-pasturi — Ġesu' Bambin, il-Madonna, San Ġużepp, baqra u ħmara, ir-ragħaj bin-nagħġiet tiegħu, l-anġli jittajru fuq il-grotta, is-slaten Maġi ...... insomma, koliox jidħol f'dan-naqra ta' presepju, saħansitra l-furnar! Tabilħaqq, xi drabi dawn il-presepji jkunu artistiċi ferm u jiġbdu bosta nies minn kull rokna ta' gżiritna.

Għalkemm huma t-tfal li l-aktar ikunu mimlijin ħeġġa ħaili jaraw id-dar imżejna għall-jiem tal-Milied, il-kbar ukoll ma jħallux jiem hekk sbieħ igħaddu bla ma jagħmlu xi ħaġa; u jekk forsi m'għandhomx is-sabar jarmaw xi presepju ċkejken b'dawk il-pasturi żgħar, ta' l-inqas xi Bambin f'maxtura jpoġġuh żgur f'post li jidher. Id-drawwa li jintrama' l-Bambin fil-jiem tal-Milied bdiet sewwa-sew nofs seklu ilu.

Il-Purċissjoni tal-Bambin: Din id-drawwa hija marbuta mal-kult tal-'Verbun Dei', imxerred mis-saċerdot twajjeb Mons. Ġorġ Preca (1880-1962), fundatur tas-Soċjeta' tal-MUSEUM. Għall-bidu ta' das-seklu l-ispirtu tal-Milied ftit kien jinħass hawn Malta, u Mons. Preca, jew aħjar Dun Ġorġ xtaq' li jerġa' jqajjem fost il-Maltin dan l-ispirtu qaddis bħala turija ta' mħabba lejn Ġesu' li ġie biex jifdina. Kien għall-ħabta ta' l-1921 meta, waqt li kien miġbur mas-soċji tiegħu, Dun Ġorġ urihom ix-xewqa li jagħmlu l-purċissjoni, jew kif sejħilha hu 'dimostrazzjoni', bil-Bambin tal-Milied. (1) L-ewwel m'għamlu kien li ħasbu għali-Bambin, iżda, ħaġa tal-għaġeb imkien ma sabu jixtru wieħed. Fl-aħħar irnexxielhom jiddubbaw wieħed mingħand patri Franġiskan. Lejliet il-Milied wasal. Kulħadd beda jingabar għall-purċissjoni, min bil-fanali, min bix-xemgħa, oħrajn bil-blalen tal-karti, oħrajn bil-weraq tal-palm — ilkoli flimkien imdawrin ma' soċju ii żamm il-Bambin f'idejh. Ma' dan kollu kien għad jonqos il-kant ħleju ta':

"Ninni, la tibkix iżjed,
Ninni, Ġesu' Bambin.
Hallih għalina l-biki
Għax aħna midinbin."

flimkien ma' għanjiet oħra tal-Milied. Biex ma ntawlux, il-Ħamrun kollu qam sabiex jara din id-dimostrazzjoni ħelwa u li qatt ma kienet saret qabel. U hekk minn sena għal oħra, din il-purċissjoni tal-Milied organizzata minn tal-Museum issoktat tikber u tixtered ma' l-ibliet u l-irħula tagħna.

F'xi bnadi din id-dimostrazzjoni tiġi ċċelebrata hekk bil-kbir li saħansitra jieħdu sehem fiha wkoll xi bandisti sabiex jakkumpanjaw il-kant tat-tfal. Dil-purċissjoni llum saret waħda mill-karatteristiċi tal-Milied fil-ġżejjer tagħna.

Dun Ġorġ kien iħeġġeġ ukoll lis-soċji tiegħu sabiex fil-Milied ta' kull sena jagħtu grotta ċkejkna b'Ġesu' tarbija fiha lil kull tifel li jmur jitgħallem fid-djar tad-duttrina, ħalli dan imbagħad ikun jista' joħodha d-dar u b'hekk ma jkunx hemm familja Maltija li ma jkollhiex il-Bambin armat f'xi post jew ieħor tad-dar.

Il-Milied huwa maqtugħ ukoll mill-festi l-oħra tas-sena b'xi ikel li huwa karatteristiku ta' din il-festa. Naħseb li kulħadd sema' bil-għanja:

"Ninu, Ninu tal-Milied
Ommi għamlet il-qagħqiet
Il-qagħqiet tal-qastanija
Santu Rokku tat-tiġrija."

Din l-għanja tagħtina ħjiel ta' waħda mill-ħwejjeġ tipiċi li jħobbu jagħmlu niesna għall-jiem tal-Milied. Id-drawwa li għall-Milied jagħmlu l-qagħaq tal-għasel jew tal-qastanija mhijiex drawwa tal-lum: Agius de Soldanis (1712-1770) isemmiha fid-dizzjunarju tiegħu. Iżda l-kċina tal-Milied mhijiex magħmula biss mill-qagħaq; id-dundjan tal-Milied ma jonqosx, u llum għandna wkoll il-kejk u l-pudina tal-Milied, imħallta b'bosta frottijiet u ħwawar aromatiċi, u fl-aħħarnett miksija bil-ġelu bajdan.

Drawwa oħra ilii għadna ma semmejniex hija dik tal-'Father Christmas'. Żgur li kulħadd jaf x'inhu l-'Father Christmas' u naħseb li kull tifel għad għandu xi rigal li xi darba ġabulu l-'Father Christmas' fil-lejl tal-Milied!

Din tal-'Father Christmas' mhijiex drawwa Maltija, iżda hawn Malta kellna xi ħaġa tixbaħha. Lejliet il-Milied, jingħad li kien jidher raġel ikraħ u twil, imsejjaħ il-'Gawgaw', li kien jittawwallek mit-tieqa. Jekk dan isib mustaċċih imxarrba jgħid "ix-xitwa għaddiet" — jiġifieri jekk tkun għamlet ix-xita qabel il-Milied, m'għandekx għax tistenna ħafna xita wara l-Milied — u jekk il-Gawgaw isib mustaċċih niexfa jgħid "ix-xitwa għadha ġejja" — li tfisser li jekk sal-Milied ma tkunx għadha għamlet xita, għandek tistenna li għad trid tagħmel ħafna. Din it-tifkira llum mhux talli spiċċat iżda qajla għadha tissemma.

Bla ebda dubju, il-qofol tal-festi tal-Milied hija l-quddiesa ta 'nofs il-lejl li tiġi ċċelebrata fil-knejjes tagħna. Hawnhekk ukoll insibu drawwa ħelwa tipika tal-Milied Malti. F'din il-quddiesa, tifel ċkejken ċkejken jitlagħlek fuq il-pulptu u jagħmel il-priedka ta' Ġesu' Bambin, li jkun ilu jistudjaha sa mix-xahar t'Ottubru, jew qabel, sakemm ikun irnexxielu jitgħallimha bl-amment. Mal-kant tal-glorja, l-qniepen kollha jsemmgħu leħinhom, ibda mill-ikbar waħda ta' fuq il-kampnar u spiċċa fl-iċken waħda li tkun f'idejn l-abbati. Din tkun tabilħaqq dehra tal-ġenna — dehra li tnissel ferħ u hena fost il-fidili li jixbah xi ftit 'il dak li ħassew fihom ir-rgħajja meta semgħu l-kant ħleju ta' l-Anġli fil-lejl tal-Milied —

"Glorja 'l Alla fl-għoli tas-smewwiet u s-sliem fuq l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba".

(1) Ara "Dun Ġorġ (1880-1962)", maħruġ mis-Soċjeta' tad-Duttrina Nisranija, paġni 27 u 28.

Nota: L-awtur iħossu midjun lejn xi kitbiet ta' Ġ. Cassar Pulliċino mxerrdin f'diversi gazzetti lokali.

BE MORE ELEGANT WITH YOUR HAIRSTYLE
make your hair-do at
SALON D'ELEGANCE
EXPERTS IN ALL HAIR STYLING AND DYEING
BEAUTICIAN ALWAYS IN ATTENDANCE
Make your appointment at:
275, MAIN STREET, BALZAN
Tel. 44009

Il-Kelma tal-Kappillan

Fl-ewwel ħarġa ta' din il-gazzetta tagħna tkellimt fuq il-għaqda ta' bejnietna, u wrejt kif dawn l-erba' faċċati jistgħu jgħinu ħafna biex aħna nsiru lkoll familja waħda tassew. Semmejt ukoll il-festa titulari, li konna qegħdin niċċelebraw proprju meta ħarġet il-gazzetta, u għidt li din kienet okkażjoni tassew tajba biex tgħaqqadna, tant spiritwalment, kemm ukoll soċjalment.

Illum il-festa għaddiet, u jiena ma baqagħlix ħlief nixxi-ħajr tassew lil dawk l-Għaqdiet kollha u individwi li ħadmu, b'sagrifiċċju mhux żgħir, biex il-festa rnexxiet tassew.

Irrid ukoll nirringrazzja lill-poplu kollu għall-kontribuzzjonijiet li għamel biex setgħet issir il-festa, tant fil-Knisja, kif ukoll barra mill-Knisja.

Iżda ma nistax ma nagħmelx daqsxejn ta' riflessjoni fuq fatt li jagħtini ħafna fastidju. Jisgħobbija ninnota li mhux il-parruċċani kollha jieħdu sehem fil-festa, għall-anqas bil-preżenza tagħhom.

Jiena nifhem li fid-dinja ta' llum il-gosti tbiddlu ħafna minn dak li kienu sa ftit tas-snin ilu. Napprezza wkoll li hemm nies li, wara ġimgħa xogħol, ikunu jistennew il-jum tal-Ħadd biex jitbegħdu min-nies u jserrħu ftit rashom. Iżda b'danakollu naħseb li, jekk nifhmu lkoll li l-festa tal-Parroċċa hija waħda mill-ftit ġranet fis-sena li għandhom iressquna lkoll lejn xulxin biex, bħala familja waħda, nifirħu flimkien waqt li nagħtu qima lil Marija Annunzjata, bi ftit rieda tajba nkunu nistgħu nirbħu kull diffikulta' u nwarrbu l-għejja kollha tal-ġimgħa, biex nersqu lejn dar Missierna, il-Knisja tal-Parroċċa tagħna, u hemm, bħal ulied imdawrin mal-mejda tad-dar, niċċelebraw okkażjoni tant sabiħa.

U la qiegħed nitkellem fuq il-għaqda tagħna bħala membri tal-familja tal-Parroċċa, ħadd ma jlumni jekk nagħmel osservazzjoni oħra fuq il-pożizzjoni tal-Parroċċa fil-ħajja tal-Knisja. Il-Konċilju Vatikan it-Tieni jsejjaħ lil-Parroċċa "ċentru ta' ħajja liturġika", "mudell ta' apostolat komunitarju", "ċellula tad-Djoċesi", "skola ta' apostolat u ta' spirtu missjunarju". Biżżejjed wieħed jaqra dawn il-kelmiet tal-Kostituzzjoni fuq il-Liturġija, biex jara kemm hija importanti l-Parroċċa fil-ħajja tan-nisrani: "... l-ħajja liturġika tal-Parroċċa u r-rabta tagħha ma' l-Isqof għandhom ikunu kkoltivati fil-moħħ u fil-ħidma tal-fidili u tal-kleru; u jeħtieġ li jsir b'mod li s-sens tal-komunita' parrokkjali jikber l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-quddiesa tal-Ħadd."

Ma jidhirlix li għandi għalfejn inkompli ninsisti fuq il-ħtieġa li l-familja kollha tal-Parroċċa għandha tħossu dmir tagħha li, għall-anqas nhar ta' Ħadd (u fil-festi), tiltaqa' fid-dar tagħha (il-Knisja Parrokkjali) biex hemm tiċċelebra Jum il-Mulej. Il-preżenza tagħna lkoll fil-Parroċċa għall-quddiesa tal-Ħadd tagħtina sehem mill-ħajja tal-Parroċċa, u ddaħħalna fl-ispirtu ta' din il-għaqda ta' bejnietna. Inkunu nafu aktar x'inhija tagħmel u x'sejra tagħmel il-Parroċċa għall-ġid tal-parruċċani. F'kelma waħda, bil-preżenza tagħna fil-Parroċċa, nibdew ninteressaw ruħna aktar minnha u nsiru nħobbuha aktar.

KONKORS GHAL BELT JEW RAHAL MIŻMUM L-AHJAR

Appell Lill-Poplu ta' Ħal Balzan

Bħal ma ħabbarna fl-ewwel ħarġa tal-gazzetta, l-Kumitat Ċiviku qiegħed jikkompeti f'dan il-Konkors. Il-Kumitat jixtieq j a p p e l l a lill-Balzanin kollha sabiex:

- jattendu għal-laqgħat li qegħdin jiġu organiżżati.
- jieħdu parti fl-attivitajiet li qed jorganiżża.
- iħeġġeġ lit-tfal jieħdu parti fil-Kompetizzjoni.
- il-ġenituri jħeġġu 'l uliedom iżommu l-indafa.
- jiżżejnu t-twieqi tad-djar bil-qsari.
- jitwaħħlu l-'posters' li qassamna.
- jiżbgħu d-'dustbins' u jneħħuhom fil-mument li jitbattlu.
- jagħmlu kemm jistgħu ħalli nirbħu l-Konkors.

PITTURA FIL-KAŻIN TAL-BANDA SAN GABRIEL

JIKTBILNA L-KAXXIER TAL-KAŻIN TAL-BANDA SAN GABRIEL: IS-SUR VALENTINO MUSCAT

Il-festi ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Każin San Gabirjel qajmu entużjażmu kbir fost dawk il-membri l-aktar attivi u li l-aktar jinteressaw ruħhom għal dan il-Każin. Għalhekk sa minn xhur qabel bdew jaħdmu bla heda biex ibajdu u jiżbgħu mill-faċċata ta' barra sa l-iżgħar kamra li teżisti f'dan il-post hekk kbir.

Jien, bħala kaxxier ta' dan il-Każin, nixtieq nirringrazzjahom pubblikament f'ismi u f'isem il-Kumitat kollu. Wara li għaddew dawn il-festi cinkwantinarji, l-ħuġġieġa ta' l-entużjażmu ma ntfietx u mietet iżda baqgħet tixgħel u ħajja. Ġie suġġerit li jsir 'freeze' fis-sala tal-Każin. Il-ħsieb tagħhom kien li jsir disinn dekorattiv. Malli sirt naf b'dan u sirt naf ukoll li kien hemm membru li kien lest li jagħmel dan ix-xogħol malajr avviċinajtu jien stess u ssuġġerejtlu li flok disinn isiru tmien veduti ta' Ħal Balzan bejn il-ħnejjiet tas-sala. Il-membru li semmejt hu s-Sur Freddie Muscat, student tal-pittura fl-iskola ta' l-arti. Dan qabel miegħi u malajr ta bidu għal dan ix-xogħol. Dawn it-tmien kwadri ta' pittura tlestew u twaħħlu fis-sala tal-Każin.

L-ewwel waħda minnhom turi d-dħul ta' Triq Idmejda int u ġej minn San Anton b'dik l-arkata li tgħaqqad il-bini ta' naħa mal-bini tan-naħa l-oħra. It-tieni kwadru juri l-faċċata tal-knisja parrokkjali, filwaqt li t-tielet wieħed juri l-faċċata ta' l-istess każin.

Niġu għar-raba' kwadru. Dan fih gallarija tal-ġebel antika ħafna u mfittxija għas-sbuħija tagħha. Din il-gallarija qegħda f'kantuniera ta' dar fi Triq Providenza. Dawn l-erba' kwadri qegħdin ma' ħajt wieħed. Faċċata ta' dawn hemm erbgħa oħra. L-ewwel wieħed minn dawn l-erbgħa juri l-Każin Marija Annunzjata u d-dħul ta' Triq it-Tlett Knejjes. Ta' ma' ġenbu juri l-Parroċċa l-qadima li aħna l-Balzanin insibuha bħala l-Lunzjata ż-żgħira. It-tielet wieħed minn dawn l-aħħar erbgħa jurina l-knisja parrokkjali minn wara bil-koppla u l-kanpnar. L-aħħar wieħed juri t-triq ta' quddiem il-knisja kif kienet imżejna fil-festa ta' l-Annunzjata tas-sena l-oħra. Barra minn dawn it-tmien xogħlijiet, hemm il-ħsieb ukoll li ssir xi ħaġa oħra maż-żewġ ħitan l-oħra.

Fil-festa ta' din is-sena ħafna kienu dawk li daħlu fil-każin u ammiraw u faħħru x-xogħol tas-Sur Freddie Muscat u jien irrid ningħaqad magħhom u ngħidlu prosit u grazzi. Persważ li fost il-kotra li daħlu fil-każin kienu l-Balzanin. Biss nixtieq nistieden lil dawk l-Balzanin kollha li għadhom ma rawx dan ix-xogħol ta' pittura: huma jiġu dejjem milqugħin meta jidħrilhom u jħossu li għandhom jaslu sal-Każin sabiex jarawhom.

KAŻIN TAL-BANDA SAN GABRIEL

KUMITAT GHAS-SENA 1971-1972

Fil-laqgħa ġenerali tat-23 t'Ottubru, 1971 ġie maħtur dan il-Kumitat:

President Onorarju:	Il-Wisq Nobbli Konti F. Manduca Azzopardi.
President:	Is-Sur Alfred Brincat.
Segretarju:	Is-Sur Gabriel Caruana.
Teżorier:	Is-Sur Valentino Muscat.
Viċi President:	Is-Sur Guido Borg.
Ass. Segretarju:	Is-Sur Victor Mifsud.
Ass. Teżorier:	Is-Sur Salvu Mallia.
Delegati tal-Banda:	Ir-Sur Abraham Muscat.
	Is-Sur Domenico Muscat.
Direttur tal-Każin:	Is-Sur Ignazio Magro.
Direttur tal-Bar:	Is-Sur Gerald Ebejer.
Direttur tal-Biliard:	Is-Sur Carmelo Micallef.
Membri	Is-Sur Alfred Muscat.
	Is-Sur Valentino Azzopardi.
Delegati għall-M.B.C.A.;	Is-Sur Gabriel Caruana.
	Is-Sur Alfred Brincat.
	Is-Sur Abraham Muscat.
Delegati għall-Kumitat Ċiviku;	Is-Sur Guido Borg.
	Is-Sur Victor Mifsud.
Direttur Spiritwali:	Ir-Rev. Dun Gwann Zammit Hammet.
Direttur tal-Banda:	Mro. Carmelo Briffa.

NOVIZZ ĠDID BALZANI



Fl-ewwel ħarġa tal-Gazzetta tajna l-isbaħ xewqat tagħna lis-saċerdot novell Patri Louis Bajada. F'din il-ħarġa, t-tieni waħda, l-Kumitat Ċiviku qed jagħti l-isbaħ xewqat lil Joe Borg u 'l-familja tiegħu. Joe, nhar il-Ħadd, 3 ta' Ottubru, ingħaqad mas-Soċjeta' Maltija Missjunarja ta' San Pawl.

Joe Borg, bin Nikola u Antonia, twieled Ħal Balzan fid-19 ta' Mejju 1953 u ġie mgħammed fil-knisja ta' l-istess parroċċa. Huwa tgħallem fl-iskola Primarja ta' Ħal Balzan u Ħal Lija, u wara daħal l-iskola tas-Soċjeta' Maltija Missjunarja ta' San Pawl. Mur għidlu li kellu jingħaqad magħhom!

L-ewwel edukazzjoni spiritwali tiegħu sabha fi ħdan il-M. U. S. E. U. M. tal-parroċċa tagħna fejn għal xi żmien kien soċju. Huwa kien ukoll abbati fil-Kappella tal-Bon Pastur.

Nhar il-Ħadd, 3 t'Ottubru, Joe ingħaqad ma' sħabu novizzi oħra għaċ-ċerimonja tal-Vestizzjoni. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna l-ġenituri u l-qraba tan-Novizzi. Ħaġa naturali, l-ġenituri u l-qraba ta Joe ma naqsux li jattendu ħalli jixtiequ kull ġid fil-pass hekk qalbieni li huwa kien se jagħmel.

L-akbar xewqa ta' Joe hija li jmur għall-missjoni ħalli jkun jista' jaħdem fost dawk li sfortunatament għadhom qatt ma semgħu bil-kelma t'Alla. Aħna nixtiequ u nawgurawlu li din ix-xewqa sseħħ u fl-istess waqt nitolbu għalih.

IL-QADJA

Ġesu' jiena naqtagħha
li darba Ommok Marija
bagħtitek b'qadja tixtri
ħtiġijiet tagħha
u Int kif kont
għaddej fit-triq
ix-xita niżlet sfiq
imbagħad għalkemm
gustuż,
sirtilha għasra
imxarrab bħal fellus.

U meta ġralek dan
żgur Ommok kif mort
lura
u ratek f'dik is-sura,
fil-ħin,
neħħiet minn fuqek
il-ħwejjeġ imxarrbin,
imbagħ'd ħallietek ġewwa
tissaħħan ħdejn in-nar
u stagħġbet kif Missierek
ħalliek tixxarrab
qabel ma wasalt id-dar.

Ġorġ Borg

Huma meħtieġa, għal studju Postali, 'envelopes' ta' Malta bil-bolli wżati fuqhom. Aktar ma jkunu qodma aktar aħjar. Minflok ma' tqattgħuhom tistgħu tbiegħuhom.

Lis-Sur Anthony Fenech, 'Miele', Annunciation Str. Balzan.

Tel. 40705

FAMILJA NADIFA
RAHAL NADIF

PAUL VELLA

DRAPPIJIET U LBIESI TAL-PREĊETT

BLAZERS, KPIEPEL U UNIFORMIJIET TA' L-ISKOLA

5, MERCHNTS STREET, VALLETTA

Tel. C. 26222

Xi Ġrajjiet Oħra

ANTON

IŻ-ŻMIEN MA JISTENNA LIL ĦADD; DEJJEM GĦADDEJ, ISAJJAR IL-BAJTAR, JOFTOQ IR-RUMMIEN, JIMLA L-LARING U JWARRAD IZ-ZKUK NEXFIN TAX-XITWA. XI KULTANT HU TA' MIN JIRRAKKONTA JEW IFAKKAR F'XI ĠRAJJA LI TKUN GĦADDIET MAL-MEDDA TIEGĦU BĦAL MA QED NIPPROVA NAGĦMEL JIEN F'KULL ĦARĠA TAL-GAZZETTA TAGĦNA.

Nistħajjel għadhom fuqi dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija meta flimkien ma' boton tfal oħra konna nerħulha għal Sqaq Dmejda u għal Sant' Anton. Fi triqitna, aħna u għaddejjin mill-mogħdija fejn il-lum hemm it-Triq il-Ġdida, jew kif nafuha aħjar bi Triq San Valentinu, konna nittantaw ix-xemx għaddejja. Din il-ħâra nbniet kollha llum iżda xorta waħda għadha siekta. Qishom id-djar ma jgħixux nies fihom! Mhux ta' b'xejn inagħażel dan il-lokal għall-bini tal-Bon Pastur!

Waqt li kont inqalleb il-librerija fqajra tiegħi dan l-aħħar, iltqajt ma' ktejjeb 'Regolamenti tac-Circolo "Cristo Re" Casal Balzan' mitbugħ fis-'Senglea Printing Press'. Rajt kif meta l-Balzanin iridu jieħdu l-affarijiet bis-serjeta', jafu kif. Dawn ir-Regolamenti kienu ġew approvati fis-Seduti Ġenerali tat-13 u l-20 ta' Novembru, 1932, u ffirmati mis-Sur Salvatore Vella bħala President u s-Sur Oscar Vella bħala Segretarju. Għal min ma jafx, Iċ-Ċirklu, minn Triq San Valentinu, għamel xi żmien fi Triq Sisner ġo 'garage' u llum jinstab fi Triq il-Kbira, ħdejn is-Sala Aurora.

M'ilux wisq, tiftakru bħali, xi nies moħħom tajjeb, Balzanin sintendi, ħafna minnhom tal-Każin ta' Fuq, riedu jbellgħu lid-Dinja li tista' taqbad il-ħut bl-ingravati u bix-xalpi minflok bix-xolfa u bil-qasab. Kien il-Karnival! Intrama' karru kbir u fuqu sajjied daqs ġorf, b'qorq daqs ġewlaq, qed jaqbad ħuta qisha baliena, bl-ingravata li kellu f'idu. Il-karru ntogħġob mhux ftit; il-ġurija belgħet ix-xlief; u ngħata l-premju kif kien jistħoqqlu.

Peress illi dan l-istaġun it-'team' tal-Footbali ta' Ħal Balzan ser jiltaqa' mat-'team' tal-ġirien rivali tiegħu ta' Ħal Lija, hu ta' min isemmi żewġ logħbiet li x'aktarx spikkaw fuq l-oħrajn meta dawn iż-żewġ teamijiet iltaqgħu kontra xulxin. Waħda minnhom kien għadu jilgħab il-Buxaw. Għal din il-logħba nies kien hemm qatigħ, saħansitra nisa. Qatt qabel ma kont rajt nisa x-Schreiber! Ir-referee tal-logħba kien l-Internazzjonali Richard Casha, li kien għadu kif beda jirrefja. Il-Buxaw dlonk tafa' ġewwa bil-goalkeeper b'kollox fost id-dilirju tal-Balzanin. Żewġ goals oħra għaqdu l-biegħa, u l-players u s-Supporters waslu Ħal-Balzan fost sparar ta' murtali. Dak in-nhar il-karozza tal-players ta' Ħal Lija ma għaddietx mit-triq id-Dritta, fejn fil-gallarija tal-Każin ta' Ħal Balzan kien hemm jistennewha bnadar u twiebet. Ritratt ta 'dan il-ġenn, wieħed għadu jista' jarah fil-Każin tal-Football. Il-ġrajja l-oħra kienet meta sa l-aħħar nofs minuta tal-logħba, Ħal Balzan kienu minn taħt wieħed b'xejn, u kważi mat-tisfira tar-referee, ġabu d-Draw. Tant ferħu l-Kumitat u l-players dak in-nhar illi fil-għaxija ċċelebraw b'ikla f'Għajn Tuffieħa.

Ħafna għadhom jiftakru kemm kienet dejqa t-triq il-Kbira, mill-Misraħ sal-Knisja. Daqs kemm hi wiesgħa llum kienet dejqa dari; bil-kemm kienet tgħaddi karozza tal-linja. F'din it-triq id-Dejqa, għalkemm qasira, kien hemm ħafna ħwienet — tnejn tal-Laħam, ieħor tax-xorb, tnejn tal-merċa u parrukkier. Darba fost l-oħrajn, niftakar qisu l-bieraħ, wieħed fuq il-mutur tilef il-kontroll, ħabat mal-ħajt tad-dar tas-sinjorini ta' Sant u ġie fuqna, xi ftit tfal li konna fuq il-għatba l-kbira tal-ħanut taż-Żejt. Lil tifla kisrilha saqajha t-tnejn; lili tani daqqa f'koxxti hekk kbira illi baqgħet imwaħħla ż-żebgħa ħadra mis-'Side Car' mal-qalziet tal-khaki.

Dawn huma xi ġrajjiet oħra li għaddew minn fantasti meta fettilli għal darb'oħra nogħrok daqsxejn moħħi sabiex niftakar ftit xi ġrajjiet li għaddew mingħalija. Nispiċċa l-kitba tal-lum b'silta mill-poeżija tal-Prof. A. Cuschieri O.C. mir-Reġina tal-Karmelu:

"Il-ħajja bħal ħolma,
il-ħajja bħal fjur
il-ħajja bħal żiffa,
li tiġi u tmur;
Il-qalb toħlom dejjem
U qatt ma tistrieħ
il-ħajja bħal sħaba
li tisfa bir-riħ."

VALLEY BUTCHER

JOHN PULLICINO

FOR FIRST CLASS MEAT

AND SERVICE

121, VALLEY ROAD, BALZAN

Telephone: 42066

SPORTS

NAĦSBU F'LI ĠEJ

minn J.C.

Sakemm morna għall-istampa kellna tliet logħbiet u tlifnihom kollha. Miniex sejjer nidħol fir-riżultati bħala goals, pero sejrin naraw xi ftit affarijiet li kieku nirranġawhom nimxu aħjar.

Fil-logħba tat-Third Division kellna rebħa f'idejna, konna qegħdin nirbħu; kien bis fadal kwarta logħob; wegġa' l-goalkeeper, li sa dak il-ħin kien qiegħed jagħmel logħba kbira; kellna goalkeeper reserve pero ma ġiex mibdul, u wara li rajna żewġ xuttijiet għall-lasti tagħna, li sarfu żewġ goals, tlifna l-qalb u l-ġbejna. Forsi l-kumitat ħaseb fil-logħba tar-reserves li kellha tintlagħab ġimgħa wara?

Fir-reserves kellna storja oħra; lagħabna lill-bniedem li kien reserve; dan kien ilu ġimgħa jgħid li mhux sa jilgħab, b'dana kollu lagħab huwa. Għamel żewġ żbalji banali (aħna nafu li jaf jilgħab aħjar minn hekk) pero b'pika l-bniedem kollox jagħmel.

Dawn l-affarijiet hemm bżonn li jinqatgħu darba għal dejjem għax meta jiġru dawn l-affarijiet xejn ma jista jsir.

Fuq il-Minors ma nistgħu ngħidu xejn ħlief li lagħbu kontra team superjuri, pero għal kemm tilfu baqgħu jiġġieldu sa l-aħħar sekonda tal-logħba.

Issa ninsew li ġara, naħsbu f'li ġej, niftakru li għad fadal ħafna biex jispiċċa l-istaġun tal-football.

KONT TAF LI...

- ★ *Wieħed mill-aktar nies li ħadmu għall-bini tal-Knisja kien il-Protonotorju Appostoliku, Dun Duminik Debono.*
- ★ *L-Knisja Parrokkjali ġiet ikkonsagrata sollennement mill-Isqof Vincenzo Labini fis-7 t'Ottubru, 1781.*
- ★ *Din is-sena jaħbat għeluq il-190 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali.*
- ★ *L-Knisja Parrokkjali hija ta' stil Doriku.*
- ★ *L-vara titulari tal-Lunzjata ġiet skolpita fl-injam tal-ġewż mill-iskultur Salvu Dimech fl-1868.*
- ★ *L-qanpiena l-kbira nħadmet fi Franza fl-1949 mid-ditta 'Paccard' u tiżen 55 qantar u nofs.*

KONKORS TA' TPINĠIJA/ KOMPONIMENTI

Fl-okkażjoni tal-"Konkors għall-Belt jew Raħal miżmum l-aħjar", il-Kumitat Ċiviku—Balzan, qed iniedi Konkors ta' tpinġija u konkors ieħor ta' kitba ta' essays bil-Malti dwar "L-Indafa u l-ġmiel ta' Ħal Balzan".

Il-Konkors huwa miftuħ għat-tfal u żgħażagħ kollha ta' Ħal Balzan u jkun maqsum f'żewġ klassijiet:

(1) għat-tfal, subien u bniet, bejn it-8 u t-12-il sena.
(2) għal tfal u żgħażagħ bejn it-13 u s-17-il sena.

It-Tpinġija trid tkun oriġinali fis-sens li ma tkun ikkupjata minn imkien u b'qisien ta' mhux inqas minn 12" bi 8".

Il-kitba trid tkun oriġinali fis-sens li s'issa għadha ma ġiet ippublikata mkien. Kull kompetitur jista' jibgħat *essay* wieħed jew tnejn. Kull essay irid ikun fih bejn il-500 u s-700 kelma.

Il-Kumitat Ċiviku jżomm id-dritt li meta u fejn jidhirlu jesebbixxi t-tpinġija kif ukoll jippublika l-*essays* rebbieħa.

Jingħataw żewġ premjijiet f'kull klassi għal kull wieħed mill-Konkorsi.

Kull tpinġija/kitba trid tintbagħat lis-Segretarju. Kumitat Ċiviku, c/o Każin tal-Banda San Gabirjel, Ħal Balzan, u għandha tasallu mhux iżjed tard mit-Tlieta, 7 ta' Diċembru, 1971.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

(jaqbad mill-ewwel paġna)

tal-bieb. Minn din tgħaddi ġo kamra oħra iżgħar li fiha tliet daħliet: waħda għal ġol-bitħa li semmejna: oħra għal ġo bitħa qabel ma taqbad l-għelieqi ta' fuq wara; u oħra għal ġo kamra li taħbat fuq il-lemin tal-bitħa interna. Minn din il-kamra noħorġu fuq barra, fil-bitħa. Din il-bitħa hi ċċangata biċ-ċangatura tal-franka, fiha bir bil-ħorża u aktar lejn l-għalqa naraw żewġ ġwiebi: waħda midfuna u l-oħra latnija. Fuq il-ħnejja tal-bieb tal-bitħa hemm minquxa s-sena 1754. Ħarsa lejn il-ħajt li jħares lejn it-tramuntana turina li parti minnu hu mibni bil-ġebel tal-iblaħ. Hawn ukoll nosservaw xi rewwiħat u tieqa żgħira li minnha jgħaddi d-dawl għal ġewwa. Nerġgħu nidħlu ġol-bitħa li ssib kif tidħol mill-arkata, u hemm faċċata naraw żewġ turġien: wieħed, dak tax-xellug, mikxuf u jwasslek fuq gallarija tal-ġebel li għandha lqugħ ta' l-injam. Din il-gallarija sservi biex tgħaqqad il-kmamar ta' fuq tan-naħa tax-xellug flimkien. L-ieħor, dak tal-lemin għandu parti minnu mikxuf u parti oħra jpoġġi u mgħotti. Dan it-taraġ iwasslek ġol kmamar tal-faċċata u ġo dawk tal-lemin. Minn kamra li ssib kif titla' dan it-taraġ toħroġ fuq setaħ li minnu tara veduta ta' raba' u siġar.

Qabel ma nħallu dan ir-razzett, nagħtu ħarsa 'l fuq u naraw l-imwieżeb ta' l-ilma kif ukoll mal-kantuniera naraw l-istatwa antika ta' San Franġisk. Ħdejn din l-istatwa naraw minquxin fuq ġebla dawn il-kelmiet: Mons. Isqof Bartolomeo Rull, jagħti Indulġenza ta' 40 jum lil min jgħid Pater u Ave bid-devozzjoni quddiem din l-istatwa — 1768.

INKOMPLU T-TRIQ ID-DRITTA

Noħorġu minn ħdejn Santa Marija, naqbdu t-Triq id-Dritta, u max-xellug nidħlu fl-isqaq tal-Fuli. Hawn insibu għadd żgħir ta' postijiet qodma u żewġ irziezet żgħar. Ma' l-istess ħajt tat-Triq id-Dritta nsibu sqaq ieħor li jiġi faċċata tat-tarf tat-Triq Santa Marija. F'salib dawn iż-żewġ toroq għadhom jidhru grupp ta' djar li jafu l-bidu tar-raħal, kif ukoll xi tliet postijiet oħra li jinsabu f'dan l-isqaq li llum insibuh jinfed għat-Triq Papa Alessandru.

Inkomplu t-Triq id-Dritta u maż-żewġ ħitan naraw xi dar antika 'l hinn u 'l hawn. 'Il fuq kważi fit-tarf tat-triq, fuq il-lemin naraw ħajt ta' lok antik b'niċċa li mhix antika tal-Madonna. Hawn f'dan il-post kien hawn Knisja żgħira ddedikata lit-Twelid ta' Marija Santissma. Dan jgħidulna l-Isqof Tommaso Gargallo fil-Viżta Pastorali li għamel lil Ħal Balzan nhar l-4 ta' Diċembru 1601. (9).

NERĠGĦU GĦAT-TRIQ IT-TLIET KNEJJES

Mill-pjazza naqbdu t-Triq tat-Tliet Knejjes. Fuq iż-żewġ naħat naraw bini qadim u antik. Nosservaw rużun minqux fuq bieb ta' remissa. Naraw arkata ta' remissa fl-isqaq nru. 1, li ma tantx hu faċli tara bħalha. Fit-tarf ta' l-isqaq fuq it-triq naraw dar antika bi ġnien quddiem. Nidħlu fl-isqaq Nru. 2 u hawn ukoll insibu għadd ta' bini antik, fosthom dak tal-Kommendatur tal-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann, Fra Vinċenzo Bosio. (10). Aktar 'il ġewwa naraw arkata ta' razzett, u razzett kbir ieħor magħruf li jibqa' sejjer sa l-għalqa tal-Lazzarett. Aktar 'il ġewwa nsibu l-Barumbara li fl-1755 kienet f'idejn Ġużeppi Agius u li kien fiha 50 par ħamiem. (11)

Nerġgħu lejn Triq it-Tliet Knejjes u mill-ġdid naraw bini li jaf il-bidu ta' Ħal-Balzan speċjalment dak li naraw fu[q] iż-żewġ naħiet ta' Sqaq Nru. 3

Qabel nagħlaq irrid insemmi razzett li sal-lum għadu jidher iżda ma jdumx ma jsir ħerba biex jagħti wisgħa lit-Triq San Anton u lill-bini li hemm wa[ra]jh. Qiegħed ngħid għar-razzett li hemm quddiem il-bini tas-Sur Fons min-naħa tat-Triq ta' San Anton. Diġa, f'ti[t] taż-żmien ilu, meta twessgħa it-triq, neħħew l-arkata. S'issa baqa' biss imwaħħla mal-ħajt il-ġebla ta' l-għajn li fiha kienet iddur ix-xatba.

Veru li għamilna dawra sewwa mar-raħal ta' Ħal Balzan, iżda wieħed jistaqsi: Fejn kien il-ħanut ta' l-inbid ta' Duminku Formosa bin Rajmond li min għandu kienu jixorbu nbid ta' Sirakuża, ta' Awgusta, u ta' Noto, il-ħaddiema tal-Knisja fl-1707? Fejn kien il-ħanut tal-mastrudaxxa ta' Mastru Farrugia magħruf Suxetta fl-1777? Fejn kien Sqaq Dellu? Fejn kienet il-bitħa ta' Zammit li fiha kien joqgħod Wenzu Falzon, it-tifel ta' Fomu l-barbier fl-1797? Liema kienet id-dar ta' Antonio Crispi li fiha qagħad l-Isqof Fr. Bartolomeo Rull fil-Viżta Pastorali tad-9 ta' Ottubru, 1758?

Nittamaw li bix-xogħol ta' riċerka nkunu nistgħu nagħarfu nwiegbu għal dawn il-mistoqsijiet u għall-mijiet ta' mistoqsijiet oħra li jinħolqu matul it-tiswir ta' l-istorja ta' Ħal Balzan.

Darb'oħra naraw dwar "Il-Knejjes iż-żgħar ta' Ħal Balzan".

REFERENZI:

1 Cassar P.: "The Meaning o[f] the Maltese Countryside" p. 48.
2 Astiria L.: Visitatio Pastoralis — Arkivju Arċiveskovili.
3 Vella E.B.: "Storja ta' Birkirkara" p. 47.
4. Arkivju Parrokkjali — Lib. 20.
5 Duzina P.: Visitatio Apostolica — Arkivju Arċiveskovili.
6. Arkivju Parrokkjali — Lib. 20.
7. Ibid.: — Lib. 18.
8. Duzina P.: Ms. cit.
9 Gargallo G.: Visitatio Pastoralis — Arkivju Arċiveskovili.
10. Arkivju Parrokkjali — Lib. 22.
11. Ibid. — Lib. 18.

RINGRAZZJAMENT

Il-Kumitat Ċiviku jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha l-ġentilment offrew flus sabiex tkun tista' tibqa' tiġi ppublikata l-gazzetta, l-aktar lis-Sur Leone Gulia li offra s-somma ta' £5.

Għal l-ewwel darba din is-sena l-Kumitat Ċiviku offra bukkett lill-Madonna fil-festa titulari. Nirringrazzjaw kull min offra l-flus u lil min organizza sabiex dan setà jsir.